KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

Minuti tal-Ħamsin (50) Laqgħa tas-Sitt (06) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċini Amministrattivi tal-istess Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 19 ta' Jannar, 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Il-Laqgħa bdiet fis-6.00 ta' filgħaxija wara li ngħatat nofs siegħa fuq il-ħin sakemm intlaħaq il-kworum.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Is-Sindku Perit Graziella Galea | 5.30p.m. | 9.00p.m. |
| Il-Viċi-Sindku John Bray | Skużat | |
| Il-Kunsillier Alfred Grima | Imsiefer | |
| Il-Kunsillier Ray Tabone | Skużat | |
| Il-Kunsillier Alex Bezzina | 6.00p.m. | 9.00p.m. |
| Il-Kunsillier Jason Camilleri | 5.30p.m. | 9.00p.m. |
| Il-Kunsillier Frank Gauci | 5.45p.m. | 9.00p.m. |
| Il-Kunsillier Peter Abela | 5.45p.m. | 9.00p.m. |
| Il-Kunsillier Martin Zerafa | 5.45p.m. | 9.00p.m. |
| Il-Kunsillier Ray Bartolo | 5.40p.m. | 9.00p.m. |
| Il-Kunsillier Mario Camilleri | 5.30p.m. | 7.20p.m. |

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00 Qari u Approvazzjoni tad-Disgħa u Erbgħin (49) Laqgħa tas-Sitt Kunsill**

Il-minuti kienu ntbagħtu qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Il-minuti ġew approvati unanimament wara li saru l-emendi kif ġej:



Sindku / *Mayor*: Perit Graziella Galea BE & A (Hons) M.Sc (Road Eng), A.&C.E.
Segretarju Eżekuttiv / *Executive Secretary*: John J. Camilleri

(a) Saret korrezzjoni fil-lista tal-attendenza u f'item 6.0. Il-ħin tal-ħruġ u ta' tmiem tal-Laqgħa nbidel għad- **9.00p.m.**
(b) F'item 2.07 fl-aħħar sentenza ta' l-ewwel paragrafu tneħħiet il-kelma **"Tabone"** u saret **"Bartolo".**
(c) F'item 2.07 żdiedu il-kliem **"u daħlu lura waqt il-korrispondenza"** mal-aħħar tas-sentenza fit-tieni paragrafu.

F'item 5.02 żdieded sentenza **"Huwa semma li hemm bżonn isir *resurfacing* tat-triq u kien ser jippreżenta *site-plan* aktar tard."** wara il-kliem **"ikun għaddej fit-triq."**

**2.00 Punti Mqajma mill-Minuti.**

2.01 **Dwar item 2.01 - Punti Mqajma mis-Sindku.** Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea qrat rapport tal-Perit tal-Kunsill Etienne Magri dwar Triq San Ġorg. Fir-rapport ġie spjegat li wara laqgħat li kienu saru mal-GO fejn kienu preżenti s-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv, il-Perit tal-Kunsill, l-inġinier Fiott u s-Sur Arthur Azzopardi mill-kumpanija GO, li fihom ġew studjati l-problemi dwar il *cables* tal-GO f'din it-triq, huwa kien qed joffri żewġ alternattivi bħala soluzzjoni:
(a) li jitressqu l-*cables* wara li jinbena *duct-route* ġdid, jew
(b) li sempliċement jingiref il-wiċċ tat-triq (*scarifying*) u jingħata wiċċ ġdid bit-tarmak.
Fil-każ ta' alternattiva (a) iżda, tant kien hemm servizzi għaddejjin min taħt il-wiċċ ta' din it-triq, li din ma kienitx soluzjoni sempliċi u kienet tinvolvi riskji kbar. Ġie kkunttatjat il-Perit (waqt il-Laqgħa) bit-telefon mis-S.E. u dan wieġeb għal domandi mill-Kunsilliera u wara saret diskussjoni. Is-Sindku Graziella Galea qalet li għalkemm soluzzjoni (a) hija l-aħjar soluzzjoni teknikament, din ma kienitx waħda prattika minħabba r-riskji kbar li tinvolvi. Hi kompliet li dan ifisser ukoll li r-residenti jibqgħu jgħixu fi triq li l-istat tagħha xejn mhu tajjeb. Il-Kunsillier Martin Zerafa qal li huwa kien jippreferi soluzjoni (b) iżda, il-kumpanija GO għandha tinżamm responsabli. Il-Kunsillier Ray Bartolo qal li kien importanti huwa li naqdu lir-residenti ta' din it-triq u għalhekk kien jippreferi soluzjoni (b). Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li huwa kien jippretendi li din it-triq issir kif suppost u Go għandhom jagħmlu dak li hemm bżonn kif suppost u kif titlob il-liġi u għalhekk din kellha tkun soluzjoni (c).
Il-Kunsilliera Peter Abela, Alex Bezzina u Frank Gauci wkoll qablu issir soluzjoni (b).
Ġie ssuġġerit ukoll li TM tintalab tikkunsidra li ma jgħaddux "*heavy trucks*" iżda l-Kunsillier Jason Camilleri ma qabilx ma' dan għaliex qal li n-naħa tal-Mecca tat-triq ikun hemm ħafna pparkjar ta' vetturi li ma jħallux *coaches* jgħaddu.
Ġie deċiż li tintgħażel soluzjoni (b). Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li huwa ma kienx qaqbel ma' din id-deċiżjoni.

F'dan il-ħin il-Kunsillier Peter Abela ħareġ mill-Kamra.

2.02 **Dwar item 4.02 – Ħlas ta' Onorarja lill-Kunsilliera.** Il-Kunsillier Ray Bartolo talab u ġie approvat li fil-futur kull Kunsillier għandu jibgħat e-mail fejn jiġġustifika għaliex kien ser ikun assenti mill-laqgħat u l-membri Kunsilliera l-oħra għandhom jgħidu jekk isibux oġġezzjoni dwar ir-raġuni mgħotija.

2.03 **Dwar item 5.01(a) – Aġġornamenti tas-Sur Ray Bartolo.** Il-Kunsillier Bartolo iċċara li dan il-kont imsemmi huwa kont separat min dak tal-*Bar.* Dan fil-fatt huwa l-kont tal-arloġġ tad-dawl li jforni l-elettriku lill-kmamar u lill-*playing field.* Huwa qal li kien ser jgħaddi kopja u dettalji tal-kont kollu lill-Kunsillier Alfred Grima li kien talab dawn id-dettalji.

Inqrat ittra tal-Enemalta fejn dawn qalu li jekk jitħallas il-kont pendenti u l-multa tar-*reconnection,* l-Enemalta kienet terġa tagħti s-servizz. Sadanittant, l-avukat tal-Kunsill ġie mitlub jipprepara ftehim bejn il-Klabb tal-Futbol ta' Burmarrad u l-Kunsill sabiex dan jiġi ffirmat.

2.04 **Dwar item 5.01(ċ)- Bozza f'Wied Qannotta.** Ġiet approvata stima tal-Enemalta dwar dan ix-xogħol meħtieġ.

**3.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet.**

F'dan il-ħin (7.10p.m.) il-Kunsillier Peter Abela reġa daħal fil-kamra.

Ġiet ippreżentata lista ta' 25 *item* ta' Korrispondenza. Il-korrispondenza u d-deċiżjonijiet huma annessi.

Dwar Korrispondenza numru 11 (Ittra mingħand Catherine Fleri Soler – FSWS Appoġġ, is-Segretarju Eżekuttiv ġie mogħti struzzjonijiet jikteb li l-Kunsill jaċċetta li tiġi ngaġġata '*carer*' ġdida u fl-istess ħin jagħti '*defult notice*' fejn jgħid li jekk is-sitwazjoni tibqa' tirrepeti ruħha, l-Kunsill kien ser jikkanċella l-kuntratt.

Dwar Korrispondenza numru 13 (kostruzjoni ta' taraġ f'Dawret in-Nawfraġju), il-Kunsill talab li dan it-taraġ għandu jsir tal-konkrit u mhux tal-ħadid kif issuġġerixxa l-Perit. Il-Perit għandu jintalab jipprepara pjanta.

Dwar Korrispondenza numru 15 (talba għal-Dawl mal-kappella tal-Karmnu), ġie deċiż li dan ikun jista' jsir meta issir il-bankina u għalhekk għandu jiġi nfurmat il-Perit tal-Kunsill.

Dwar Korrispondenza numru 20 (talba sabiex tittella' dgħajsa fuq l'art għal manutenzjoni), il-Kunsill iddeċieda li talbiet simili jintlaqgħu meta il-qoxra tkun dgħajsa maltija jew għandha liċenzja "fishing".

**4.00 Materji Finanzjarji.**

4.01 Tressqu u ġew approvati unanimament listi ta' (a) **Rendikont ta' Dħul ta' Fondi,** (b) **Rendikont ta' Pagamenti,** u (ċ) **Lista ta' Ordnijiet ta' Xogħol.**

Dwar pagament lill-Mailbox, il-Kunsillier Ray Bartolo qal li dawn ma kienux qed jagħtu servizz tajjeb u għalhekk ma kienx jaqbel li l-Kunsill juża s-servizzi tagħhom. Huwa qal li fil-każ ta'

tqassim ta' kartolini tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad, dawn ma kienux għamlu xogħolhom kif suppost.

F'dan il-ħin (7.20p.m.) il-Kunsillier Mario Camilleri talab li jiġi skużat u ħalla l-kamra.

Il-Laqgħa ġiet sospiża biex l-*accountant* tal-Kunsill, s-Sinjura Romina Perici Ferranti tkun tista' tintroduċi u tispjega l-**Budget Annwali 2012** lill-Kunsilliera.

Meta tkompliet il-Laqgħa, il-**Budget Annwali 2012** ġie approvat unanimament kif ippreżentat.

**5.00 *Performance Bonus* tal-Impjegati Klerikali u tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill.**

Wara li s-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li huwa ma kellux riservi dwar jekk għandux jingħata l-*Performance Bonus* lill-impjegati klerikali, u wara li s-Sindku uriet l-apprezzament tagħha ghax-xogħol tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati kollha tal-Kunsill, ġie deċiż unanimament li l-*performance bonus* għandu jingħata *'in full'* kemm tippermetti l-liġi kemm lill-impjegati klerikali u kemm lis-Segretarju Eżekuttiv.

**6.00 Memos maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.**

6.01 Il-Kunsill approva unanimament li joħroġ somma ugwali daqs kemm kien ser joffri d-Dipartiment għal xiri ta' kotba u attrezzi oħra għal-Librerija tal-lokal.

6.02 Il-Kunsill innota l-Memo tad-Dipartiment dwar l-allokazjoni finanzjarja lill-Kunsill għas-sena 2012.

6.03 Il-Kunsill qabel li japplika għall-restawr tal: (a) Gunpost tas Sirens, (b) Restawr f'San Pawl Milqi, (c) Restawr tat-Torri Wignacoourt, (d) Restawr ta' Għajn Rażul u (e) xi Niċeċ oħra li hemm fil-lokal fosthom fi Triq San Pawl.

6.04 Dwar Memo 124/2011 (Ħatra ta' Authorised Offiers fir-Reġjuni), Il-Kunsillier Peter Abela qal li huwa kien qed jissuġġerixxi li jintalab li jsiru xi emendi fir-rwol tal-AO ghaliex dawn, kif proposti, jikkonfliġġu mar-rwol tas-Segretarju Eżekuttiv u anke ma' dak taċ-Cerpersin tar-Reġjun. Kif propost, kien ser ikun aktar minn kaptan wieħed imexxu r-Reġjun. Is-Sur Peter Abela ġie mitlub jagħmel il-proposti ta' emendi tiegħu bil-miktub u dawn jiħdu ċċirkulati lill-Kunsilliera kollha għall-approvazjoni tagħhom qabel jintbagħtu lid-Dipartiment.

**7.00 Mozzjoni Dwar Nuqqasijiet ta' Saħħa u Ambjent.**

Dan l-*item* tħalla għal-Laqgħa oħra.

**8.00 Attivitajiet**

8.01 Giet approvata unanimament s-somma ta' Euro 8,000.-- għall-attivitajiet tal-**Karnival.**

8.02 Giet approvata unanimament is-somma ta' Euro 9,000.-- għall-attivitajiet tal-**Wignacourt Tower Festival**. Din is-somma tiżdied mas-somma ta' Euro 3,000.-- li ser tingħata mid-Dipartiment.

8.03 Giet approvata unanimament is-somma ta' Euro 4,000.-- għall-attivitajiet tal-**Welcome Spring Festival** li kien ser jiġu organizzati flimkien mal-Aċċess tal-Qawra. Din is-somma tiżdied mas-somma ta' Euro 6,000.-- li ser tingħata mid-Dipartiment.

8.04 Il-Kunsill approva unanimament li jipparteċipa u jikkollabora fil-**Fireworks Festival Activity** li kienet ser tiġi organizzata fil-lokalita ta' San Pawl il-Baħar u li kienet ser tkun fuq skala nazzjonali bil-parteċipazjoni ta' organizazzjoniet barranin. Il-kontribut tal-Kunsill ser ikun billi jipprovdi attivitajiet ta' *entertainment* (jekk il-Kunsill irid) u jieħu ħsieb *traffic management.*

**9.00 Laqgħa Ġenerali Annwali.**

Dan l-*item* tħalla għal-Laqgħa oħra.

**10.00 Aġġornamenti**

10.01 Il-Kunsillier Jason Camilleri talab u ġie approvat li tintbagħat ittra ta' ringrazjament lill-Pulizija għax xogħol tagħhom biex jinġabru Euro 240.-- mingħand żgħażagħ li kienu wettqu atti ta' vandaliżmu fil-*playing field* tal-Veċċ.

10.02 Il-Kunsillier Ray bartolo ta' rendikont tax-xogħolijiet li kienu ser isiru mill-Kumitat Amministrattiv Burmarrad. Huwa qal li kien ser isir: (a) Twessieħ ta' bankina fi Triq il-Witja, (b) tiċkien it-*traffic island* ta' ħdejn Scotts Supermarket bi spisa ta' Euro 2,000.--, u (ċ) ġiet approvata l-istemma tal-Kumitat. Il-Kunsill approva unanimament.

Il-Kunsillier Bartolo talab ukoll l-għajnuna tal-Kunsill sabiex jitneħħa periklu ta' ħitan u blat imġarrfa fit-telgħa tal-Wardija. Il-Kunsill talab li s-Sur Bartolo jippreżenta stima dwar din sabiex tkun tista' tittieħed deċizjoni dwarha.

Is-Sur Bartolo talab ukoll li Arriva u TM jintalbu jikkonsidraw li r-rotta tal-Bus 41 tiżdiedilha l-frekwenza ta' meta tgħaddi, u li Bus X6 tibda tgħaddi wkoll minn San Pawl il-Baħar.

10.03 Il-kunsillier Martin Zerafa talab li jiltaqa' mal-Kumitat tat-Tenders sabiex jiġu deċiżi l-kwotazjonijiet tat-dwal tat-*traffic Lights*. Huwa talab ukoll li l-kwistjoni ta' fejn u meta għandhom jitħallew jittellgħu id-dgħajjes fuq l-art għandha tiġi diskussa f'Laqgħa tal-Kunsill.

10.04 Is-Sindku, l-Perit Graziella Galea, talbet u ġie approvat li jiżdied id-dawl pubbliku fi Triq in-Nawfraġju. Hija talbet u ġie approvat unanimament li sitt toroq mill-lista tat-toroq taħt l-iskema tal-PPP Batch 1 u sitta taħt Batch 2 isirilhom *resurfacing* biss minflok *reconstruction*.

**11.00 Egħluq tal-Laqgħa**

Il-Laqgħa spiċċat fid-9.00 ta' filgħaxija.

**Perit Graziella Galea**
**Sindku**

**John J. Camilleri**
**Segretatju Eżekuttiv**

15 ta' Frar 2012

Ref: 55 / 1448 / 12 / OCZ